

## Aggravji u argumenti prinċipali

Skont l-appellant, is-sentenza appellata tikser l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade mark Komunitarja<sup>(1)</sup> għar-raqunijiet li ġejjin:

- Il-Qorti Ġenerali tindika bħala waħda mir-raġunijiet għall-assenza ta' karatru distintiv tat-trade mark "BE HAPPY" il-fatt li din tista' tīgħi pperċepita bħala slogan ta' reklamar. Dan huwa f'kontradizzjoni diretta mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea peress li skont din il-ġurisprudenza dan waħdu ma huwiex biżżejjed għaċ-ċaħda tal-karatru distintiv.
- Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ma sabet l-ebda relazzjoni speċifika bejn it-trade mark "BE HAPPY" u l-prodotti ġħalihom saret ir-reġistrazzjoni, li ma jeħtiġux minimu ta' interpretazzjoni mill-pubbliku rilevanti. Barra minn hekk, inħolqot konnessjoni arbitrarja bejn il-prodotti u s-sinjal, li, anki kieku kienet korretta, kienet teħtieġ sforz fl-interpretazzjoni mill-pubbliku rilevanti.
- Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-karatru distintiv tat-trade mark "BE HAPPY".

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

Talba għal-deċiżjoni preliminari mressqa mill-Audiencia Provincial de Castellón (Spanja) fl-10 ta' Lulju 2015 – Banco Popular Español S.A. vs Elena Lucaci u Cristian Laurentiu Lucaci

(Kawża C-349/15)

(2015/C 302/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

## Qorti tar-rinviju

Audiencia Provincial de Castellón

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Banco Popular Español S.A.

Konvenuti: Elena Lucaci u Cristian Laurentiu Lucaci

## Domandi preliminari

- Il-limitazzjoni *ratione temporis* tal-effetti tan-nullità ta' klawżola ddikjarata nulla minħabba li din il-klawżola tirriżulta li hija abbużiva hija kompatibbli mal-Artikoli 6(1) u 7(1) tad-Direttiva 93/13/KEE<sup>(1)</sup>?
- Fil-każ li l-imsemmija limitazzjoni tal-effetti titqies li hija kompatibbli mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, b'mod speċifiku mal-Artikoli 6(1) u 7(1) tad-Direttiva 93/13/KEE, dwar klawżoli inġusti fkuntratti mal-konsumatur, b'bona fide tal-oqsma involuti u r-riskju ta' tħarbit gravi:
  - X'inhu mfisser bi tħarbit gravi li jiġiustifikaw il-limitazzjoni tal-effetti?
  - Għandu jiġi debitament ipprovat ir-riskju ta' tħarbit gravi fil-kawża ġudizzjarja inkwistjoni jew, bil-kontra, tista' titqies suffiċċenti l-evalwazzjoni ġenerali mill-qorti tal-imsemmi riskju, mingħajr informazzjoni konkreta sabiex din tiġi ssostanzjata?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 15, Vol. 2, p. 288.